

Taqsira għall-pubbliku

Proposta dwar l-istandardizzazzjoni fl-UE

- L-istandards jistabbilixxu **kriterji tekniċi jew ta' kwalità** għall-prodotti, is-servizzi u l-proċessi ta' produzzjonijiet. L-eżempji jinkludu d-daqs tal-karta standard A4 jew l-istandard il-ġdid għal ċarġer universali tal-mowbajls li jiffittja fil-mudelli kollha.
- **L-istandards Ewropej huma volontarji**. Ħadd mhu obbligat li jużahom jew li japplikahom.

X'INHUMA L-KWISTJONIJIET?

- L-adozzjoni ta' standard jinħtiġilha kunsens, li jieħu ż-żmien. F'ċerti każijiet, il-proċess jieħu wisq żmien – meta l-partijiet interessati ma jkunux jistgħu jiftiehm bejniethom.
- Ċerti standards tal-IT huma adottati minn organizzazzjonijiet li ma jinsabux fl-UE. Dawn l-istandards huma madankollu użati fuq il-kompjuters kollha fl-Ewropa, jew fuq l-internet.
- Aktar ma jgħaddi ż-żmien l-istandards qed jiġu adottati għas-servizzi, is-sistemi ta' ġestjoni, il-kwistjonijiet ambjentali u soċjali – mhux biss għal prodotti tekniċi bħal fil-pasat

X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

- L-istandards Ewropej se jkunu disponibbli b'mod aktar mgħaġġel.
- L-istandards se jkunu abbozzati bl-għajnuna ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw dawk l-aktar affettwati, jew ikkonċernati – il-konsumaturi, in-negozji ż-żgħir, l-organizzazzjonijiet ambjentali u soċjali.
- Jekk ikun hemm talba minn negozji, se jkun hemm aktar standards Ewropej għas-servizzi.
- L-awtoritajiet pubbliċi se jkollhom għażla usa' ta' ħardwer u softwer.

MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

- **L-awtoritajiet pubbliċi** se jkunu jistgħu jiddefinixxu b'mod aktar preċiż kif il-ħardwer u s-softwer tagħhom jistgħu jkunu konnessi ma' kompjuters u networks oħrajn;
- L-istandards se jkunu disponibbli aktar maljar għan-**negozji**. Huma jistgħu jużaw dawn l-istandards biex jagħmlu l-prodotti tagħhom aktar kompatibbli ma' prodotti oħrajn biex b'hekk il-**konsumaturi** jkollhom għażla usa' bi prezz aktar baxx.

GĦALIEX MEĦTIEĠA AZZJONI MILL-UE?

- L-istandards Ewropej huma kruċjali għan-negozji b'kummerċ fis-suq tal-UE u għall-konsumaturi – b'hekk prodotti mixtrijin f'pajjiż tal-UE jkunu jistgħu jintużaw fl-oħrajn ukoll.

META MISTENNIJA TIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-PROPOSTA?

- Probabbilment fl-2013.